MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 877/2009

**Go plc C-22334**

**vs**

**Alfred Abdilla ID-488965M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta’ Ottubru 2009, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ Euro1,434.49c (elf, erba’ mija u erbgha u tletin ewro u disgha u erbghin centezmu) rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma servizzi tat-telephone bin-numri 21470409 (AC 40005687) kif jirrizulta minn dokumenti annessi markati Dok IZY 1 u IZY 2;

Bl-ispejjes u bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt minn issa biex jidher ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni ta l-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Ra illi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-22 ta Jannar 2010, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u kwindi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti esebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal qieghed jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta’ Euro1,434.49 (elf, erba’ mija u erbgha u tletin ewro u disgha u erbghin centezmu) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta’ l-odjern avviz u bl-ispejjes kollha ta’ din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------